MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 46/2003

**Charles Hili**

**vs**

**John u Laura konjugi Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-attur s-somma ta' tmien mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm861.75) rappresentanti nofs is-somma sborzati mill-attur sabiex tinbidel l-art tal-bejt tieghu, li tieghu l-konvenuti huma ko-proprjetarji u jaghmlu uzu minnu, sitwat fi Blokk G, Unit 3, Bini tal-Gvern, Paola

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-9 ta' Novembru 2002 kontra l-konvenuti, ingunti in subizzjoni.

Ra illi l-konvenut John Camilleri debitament notifikat baqa’ ma ipprezentax ir-risposta tieghu skond il-ligi ghalkemm inghata l-opportunita sabiex jaghmel dan.

Ra r-risposta tal-konvenuta Laura Camilleri ipprezentata fil-11 ta’ Gunju 2003 fejn hija ecceppiet illi
1. fl-ewwel lok ma kienx hemm ghalfejn illi l-art tal-bejt kollu in kwistjoni jinbidel u dana skond kif gie iccertifikat mill-Perit Anton Zammit (skond dokument anness mar-risposta u immarkat bhala Dokument LC1).
2. fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa eccessiv.
3. fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenuta Laura Camilleri qatt ma tkellmet ma’l-attur fuq dawn ix-xogholijiet u ilha li harrget mill-fond in kwistjoni diversi snin ilu.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema' x-xhieda ta’ l-attur, George Cachia, Antoine Hili u tal-Perit Etienne Magri.

Ra l-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Novembru 2003, fejn l-konvenuti naqqsu li jidhru u li iressqu l-provi taghhom u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-provi attrici.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-attur qieghed jitlob il-hlas minn ghand il-konvenuti tas-sehem taghhom u cioe’ tan-nofs mill-ispejjez li huwa ghamel sabiex jinbidel saqaf tal-appartament tieghu, liema saqaf huwa ukoll l-bejt li huwa in komun bejn l-appartament ta’l-attur u dak tal-konvenuti. Illi l-appartament tal-konvenuti li jinsab sottostanti ghall-appartament ta’l-attur. L-attur ezebixxa diversi dokumenti konsistenti f’ritratti u anke certifikat tal-Perit Etienne Magri li ukoll xehed f’dawn il-proceduri u ikkonferma l-entita tal-hsarat li kien qieghed isofri dana l-bejt u t-tiswijiet necessarji li kien hemm bzonn illi isiru.

L-attur inkariga bennej ghal dan il-ghan certu George Cachia u anke informa lill-konvenuti bix-xogholijiet li kien bi hsiebu jaghmel. Il-konvenuti xtaqu jinkarigaw bennej huma, izda peress illi ghadda hafna zmien u l-konvenuti baqghu ma ghamlux dana, attur rega' avvicina l-konvenut, u dana kien accetta illi l-attur jinkariga l-bennej tieghu. L-attur jikkontendi ukoll illi l-konvenut kien accetta illi ihallas sehmu minn din l-ispiza.

Il-*quantum* imhallsa mill-attur ghat-tiswija ta' dan is-saqaf gew ikkonfermati kemm mill-Perit Magri li kien hejja stima tal-hsarat, kif ukoll mill-bennej George Cachia li kien ezegwixxa dawn ix-xogholijiet fejn huwa ikkonferma r-ricevuta rilaxxjata minnu.

Illi l-konvenut min-naha tieghu naqas li jipprezenta r-risposta skond il-ligi ghalkemm inghata l-opportunita li jaghmel dana u l-konvenuta ghalkemm ipprezentat r-risposta taghha, naqqset li tressaq il-provi in sostenn ta'l-eccezzjonijeit minnha sollevati u kwindi dawn ma jistghux jigu ikkunsidrati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur s-somma ta' tmien mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm861.75), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------